DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ................................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................... DATA/DATI .........................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

**ĊENS PERPETWU**

***4 DRAMMI - 4 Xena, p.213 (M)***

## FONZU

**SAĦANSITRA TTURUFNAWH!**

Le, inħallihom biex tobormuhom intom mela! Int issa tiddaqqaq, żagħżugħ. Ma kontx tagħmel hekk kieku zijuk kien għadu fl-aħjar tiegħu. Kien raġel dan – imma raġel tassew, taf. M'għadx baqa' rġiel bħalu!

Id-demm ta' missirijietna jitlob ħaqq ta' kliemek, Fred! Imissek tistħi!

Taf li tinsab quddiem wieħed mill-ftit li kellhom il-kuraġġ jissieltu mal-barrani għad-drittijiet tagħhom; tafu dan hux?

Ma ngħidlekx kemm ra ma' wiċċu – saħansitra tturufnawh! Taf li kien darbtejn Deputat tal-Kamra, hux, biex ma ngħidlekx ukoll li kien ministru tal-... tal-... insomma, ministru ta' xi ħaġa kbira!

U matul il-gwerra mbagħad!?... Uuu! Dik qlubija! Dak kuraġġ! Tilef żewġ uliedu fit-taqbid dak – żewġ ulied tilef! *(104)*

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** .................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 35